MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-1 ta' April, 2003

Talba Numru. 425/2002/1

**Janet Grech**

**Vs**

**Aaron Grech**

**It-Tribunal**

It-Tribunal ra l-Avviz li fih l-attrici talbet il-hlas ta' Lm400.00c (erba' mitt lira Maltin) rapprezentanti prezz ta' merkanzija konsistenti f'computer flimkien ma' l-accessorji rispettivi taghhom, fejn l-imsemmija merkanzija rrizultawlha diversi difetti ta' natura serja tant li din mhix tajba ghall-uzu li kienet mahsuba li wkoll tali diffetti mistura naqqsa l-valur ta' dik il-merkanzija.

Ra r-Risposta fejn il-konvenut sostna li t-Tribunal mhux kompetenti biex jiddeciedi t-talba billi qed jintalab rexissjoni tal-kuntratt ta' bejgh. Il konvenut sostna wkoll li t-talba hi preskritta billi l-bejgh sar f'Gunju 2000. Fl-ahhar il-konvenut qal li l-computer jahdem tajjeb.

Ra s-seduta datata 13 ta’ Mejju, 2002 fejn l-attrici qalet li kienet xtrat computer minghand il-konvenut. L-attrici qalet li kienet rat l-avviz fuq il-gazzetta u hi kienet cemplit lil konvenut fejn spjegala x’hiex kien jikkonsisti l-computer. L-attrici ltaqat mal-konvenut f’161 High Street, Hamrun u wara li spjegala kollox u offriela l-garanzija ta’ tlett snin l-attrici kienet interessata li tixtrih. Mela l-attrici cemplit lil konvenut, hu mar id-dar jinstallah u talabha biex thallsu cash u mhux installments. L-attrici tatu s-somma ta’ Lm365.00c (tlett mija u hamsa u sittin lira Maltin) u meta staqsietu ghal VAT receipts, l-konvenut qal li nesa’ l-VAT book warajh u li ser jibghatila l-ircevuta bil-posta. L-attrici sostniet li wara ftit gimghat il-computer ma bediex jiffunzjona tajjeb ghalhekk bdiet tipprova ccempel lil konvenut pero’ ma setatx taqbdu fuq in-numru li kien taha. Ghalhekk l-attrici marret il-Hamrun izda l-mama tieghu ma riedetx ittiha informazzjoni fejn kien joqghod il-konvenut. L-attrici sabet li l-konvenut kien joqghod l-Mgarr, ghalhekk marret hemm izda l-mara tal-konvenut ma riedetx ittiha informazzjoni fejn issib l-istess konvenut. Ghalkemm l-attrici halliet messaggi biex icemplila l-konvenut, huwa qatt ma cemplilha. Meta l-attrici irnexxilha taqbad lil konvenut fuq il-mobile, ftehmu li tiehu l-computer ghandu u ghamlet hekk izda halliet cd personali taghha fl-istess computer. Meta l-konvenut hadilha l-computer lura sabet il-lead u s-cd neqsin. Il-computer baqa’ ma jahdimx tajjeb. L-attrici xtrat scanner minghand haddiehor pero meta gie biex jinstalla l-iscanner kien qal lil attrici li l-istess scanner ma kienx compatible mal-computer li kienet xtrat minghand il-konvenut. Ghalhekk l-attrici cemplit lil omm il-konvenut u halliet risposta lil konvenut biex tixtri scanner iehor; il-konvenut cemplilha mill-ewwel. L-attrici cahdet li l-konvenut kien gie ghandha seba’ darbiet, tghid ukoll li darbtejn biss gie ghandha meta kellha l-problemi fil-computer. L-attrici tghid li l-computer ghadu ghandha sal-lum l-gurnata u wara certu hin jillokkja meta tkun qed tahdem fuqu li anke kemm il-darba tilfet xi informazzjoni utili. L-attrici tikkonferma li l-keyboard kienet second hand izda mat-tieni darba l-konvenut ta keyboard gdida.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra n-nota tal-attrici fejn hemm ittra minn Andrew Mallia li jahdem mal-Universita ta' Malta kif ukoll mal-kumpanija ESCO Micros Limited spjega ghalie x ma setghax jaghmel rapport minhabba li l-cover tal-computer kien illokkjat permezz ta sigill u ghalhekk ma setghax jara l-parts li gew uzati. Jghid ukoll li s-software li kien hemm fuq il-computer kien kollu kkupjat u dan mar kontra l-ligi tal-copyright. Andrew Mallia qal ukoll li meta l-attrici xtrat l-iscanner minghandu ma qabilx mas-sistema taghha u dan kien impossibli li jigri ghaliex il-Hewlett Packard jaqbel ma kull sistema tajba li tezisti.

Ra s-seduta tas-17 ta' Gunju, 2002 fejn xehdet il-habiba tal-attrici, Denise Buttigieg, li kienet mal-attrici meta xtrat l-istess computer. Denise Buttigieg tikkonferma li fil-bidu kien jahdem sew izda wara erba' (4) gimghat beda bid-difetti. Tghid ukoll li meta gew biex jinstallaw l-iscanner kienu qalulhom li kellhom difett fil-computer. Denise Buttigeig qalet ukoll li ma kien hemm ebda firma fuq il-garanzija u li ma taghhomx ircevuta ta' Lm365.00c (tlett mija u hamsa u sittin lira Maltin). Tikkonferma li l-computer ghadhom juzawh.

Ra l-istess seduta li fiha xehed il-konvenut fejn ikkonferma li l-attrici mal-habiba taghha kienu marru jaraw il-computer tieghu u li hu stess kien issugerilhom biex jiehdu computer b'aktar memorja pero huma qalulu li kienu kuntenti biex jinqdew b'dak. Jikkonferma li kien irrifjuta l-hlas b'installments. Jghid ukoll li wara l-bejgh l-attrici cemplet hafna drabi ghaliex ma kienetx kuntenta bl-ispecifications attwali tal-computer u jghid li l-attrici qatt ma kienet ilmentat li l-computer kien qed itiha problemi. L-attrici kienet minhabba li ma kienetx taf tuza xi programmi li kien hemm fil-computer. Il-konvenut qal li wara li xtrat scanner hu kien mar id-dar taghha biex jispjegala ghaliex l-iscanner ma kienx qed jaqbel mal-computer ghalhekk l-attrici accettat li tixtri scanner iehor minghand il-konvenut minghajr ma obbligha. Jghid li xi sena ilu l-attrici cemplitlu minhabba li l-computer ma kienx qed jahdem sew izda l-

konvenut qatt ma sab difetti fl-istess computer. Ra wkoll li kien hemm kwantitu kbira ta' xoghol fuq il-computer taghha ghalhekk ghamel 'back-up' taghhom.

Jikkonferma li sa l-ahhar darba li ezamina l-computer kien qed jahdem sewwa. L-attrici kienet cemplit ftit wara u qalet lil konvenut li kellha virus fil-computer taghha u l-konvenut qallha biex tixtri virus scanner iehor izda hi sostniet li kellhu mmantnijha l-virus scanner.

Ra s-seduta tas-6 ta' Novembru, 2002 li fiha xehed il-konvenut fejn jghid li l-problema ma nqalatx minhabba li l-hard disk kellu kwantita kbira ta' xoghol, izda ma sab l-ebda haga hazina fil-computer. Jghid ukoll li ma jistax ikun li l-attrici ma setghatx tahdem fuq il-computer ghax il-hard-disk kien fih hafna xoghol. Il-konvenut cahad li t-Tribunal tal-konsumaturi qallu biex jerga jezamina l-computer. Hu kkonferma li meta kien mar ghand l-attrici xeghluh u tfewh diversi drabi u hadem sew, li anke l-attrici stess qalet li kollox sew. Il-konvenut jispjega ghaliex ma kienx beghhila software ghaliex l-attrici rrifjutatu.

Illi l-ewwel eccezzjoni hi li dan it-Tribunal mhux kompetenti li jiddeciedi t-talba ghaliex qed tintalab rexissjoni ta' kuntratt ta' bejgh.

Illi l-attrici qieghda titlob flus lura wara bejgh ai termini tal-artikolu 1424 tal-Kap 15. Illi dan l-artikolu jipprovdi li: "the seller is bound to warrant the thing sold against any latent defects which render it unfit for the use which it is intended or which diminish its value to such an extent that the buyer would not have bought it or which have tendered a smaller price, if he had been aware of them".

Illi l-ligi tipprovdi li min jixtri ghandu d-dritt jew "to restore the thing and have the price repaid to him or to retain the thing and have a part of the price repaid to him which shall be determined by the court."

L-attrici f'dawn il-proceduri zammet il-computer u qieghda tippretendi li tithallas lura l-prezz shih.

Illi skond art (3) 2 tal-Att V. tal-1995 : It-Tribunal ghal Talbiet Zghar ikollu gurisdizzjoni biex jisma u jaqta biss it-talbiet kollha ta’ flus ta’ ammont ta’ mhux izjed minn Lm1,500.00c (elf u hames mitt lira Maltin).

Illi dan it-Tribunal ghandu d-dover li jara jekk ir-risposta tal-intimat hi wahda frivola jew le. Jekk ghandha bazi jkollu jieqaf hemm u jiddikjara n-nuqqas ta’ gurisdizzjoni tieghu li jiehu konjizzjoni ulterjuri dwarha. (ara Aquilina vs Chircop (Appell mit-Tribunal – Imhallef Filletti deciza 15 ta’ Ottubru, 1998).

Illi fil-kawza – Qorti ta’ l-Appell – Sede Inferjuri 31/7/1996 Zammit vs Ellul gie ddikjarat:

“Il-kompetenza ma tiddependix bilfors u unikament mit-talba ta’ l-attur imma tista tiddependi wkoll, fejn ikun il-kaz, mill-eccezzjoni tal-konvenut … billi l-Qorti tigi necessarjament mitluba bhala konsegwenza ta’ l-eccezzjonijiet moghtija u bhala parti mill-process biex tiggudika t-talba quddiemha billi tikkonsidra u tiddeciedi obbligazzjonijiet bejn il-kontendenti li jeccedu l-kompetenza taghha”.

Illi t-Tribunal jinnota li skond il-ligi l-attrici kellha d-dritt li tirritorna l-haga u tiehu lura dak li halset jew li titlob tnaqqis fil-prezz. Minflok talbet lura dak li halset bl-imghax minghajr ma rritnornat il-computer.

Illi sabiex tasal ghad-decizjoni mitluba mill-attrici dan it-Tribunal kien ikollu jezamina jekk hemm lok ta’ rexissjoni tal-kuntratt ta’ bejgh. Illi dan l-ezercizzju dan it-Tribunal ma jistax jaghmlu billi t-Tribunal ghandu “gurisdizzjoni biex jisma u jaqta biss it-talbiet kollha ta’ flus…”.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jilqa l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u jiddikjara li t-Tribunal ma ghandux gurisdizzjoni sabiex jisma din il-kawza.

Illi jkun xieraq li l-kap tal-ispejjez jibqa minghajr taxxa bejn il-kontendenti.

---------------------------------TMIEM---------------------------------